MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 20/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raymond Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raymond Cutajar talli fid-9 ta’ Lulju 2006 ghal habta tad-9.00 a.m. gewwa B’Bugia meta hekk ordnat mill-Qorti biex jaghti access tal-wild Ryan ta’ 7 snin u Daniel ta’ 5 snin lil Rosianne Debattista, irrifjuta li jaghmel dan minghajr raguni xierqa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Jannar 2007 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Raymond Cutajar hati u ghaldaqstant illiberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali pprezentat fit-30 ta’ Jannar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tisma’ l-provi, inkluz lil Rosianne Debattista, dwar il-kaz issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza taghha tallum stess li permezz taghha laqghet l-appell ta’ l-Avukat generali, iddikjarat is-sentenza appellata nulla u bla effett u, a tenur ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ordnat is-smiegh tal-kawza llum stess minn din il-Qorti;

Semghet lil Rosianne Debattista;

Ikkunsidrat:

L-uniku xhud tal-prosekuzzjoni f’dan il-kaz kienet Rosianne Debattista li dehret quddiem din il-Qorti, xehdet illi hija l-mara ta’ l-appellat, li huma separati u illi ma xtaqitx tixhed dwar l-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri li gew inizjati kontra l-appellat zewgha. Difatti qalet illi ntlahaq ftehim dwar il-pendenzi ta’ bejniethom.

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat Raymond Cutajar bhala mhux pruvata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi ma ssibx lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------